**19 ta' Awwissu**

**Tifkira ta'**

S. ĠWANN EUDES, SAĊERDOT

Twieled fid-djoċesi ta' Seez, Franza, fl-1601; ordna qassis, u għamel ħafna snin jippriedka fil-paroċċi. Waqqaf Kongregazzjonijiet reliġjużi għall-formazzjoni tajba tas-saċerdoti fis-seminarji, kif ukoll għan-nisa li jkunu f'periklu spiritwali, biex jitwettqu fil-ħajja nisranija. Kellu devozzjoni tal-għaġeb lejn il-Qlub ta' Ġesu' u Marija. Miet fl-1680.

Mill-Komun tar-rgħajja tal-erwieħ... jew tal-qaddisin irġiel; għar-reliġjużi...

Talba

O Alla, inti ħtart b'għażla tal-għaġeb lis-saċerdot tiegħek San Ġwann Eudes biex ixandar il-għana ta' Kristu, għana li ebda moħħ ma jista' jifhmu; agħmel li, bl-eżempji u t-twissijiet tiegħu, aħna nikbru fl-għerf tiegħek u ngħixu fidili fid-dawl tal-Evanġelju. B'Ibnek.